Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0400(NLE)

2.2.2024

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq naħa oħra, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali tar-Repubblika tal-Armenja (COM(2023)0705 – C9-xxxx/2023 – 2023/0400(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Thijs Reuten

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Konklużjoni ta’ Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq naħa oħra, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali tar-Repubblika tal-Armenja
(COM(2023)0705 – C9-xxxx/2023 – 2023/0400(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2023)0705),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, fuq naħa oħra, dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali tar-Repubblika tal-Armenja (xxxx/2023),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2), u l-Artikolu 85 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-xxxx/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2024),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Armenja.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja huwa l-ewwel ftehim internazzjonali dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet kompetenti f'pajjiż terz mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Eurojust fit-12 ta' Diċembru 2019. Sabiex il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali tkun effettiva, il-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi huma essenzjali.

Dan il-ftehim se jtejjeb il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Armenja involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji.

Huwa partikolarment importanti li dan ikun possibbli biss meta l-ftehimiet ikunu soġġetti għal salvagwardji stretti fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, il-privatezza u d-drittijiet fundamentali. Fil-każ ta' dan il-Ftehim, huwa ċar li l-kundizzjonijiet kollha huma ssodisfati u li hemm fis-seħħ is-salvagwardji meħtieġa. Dan se jiġi mmonitorjat kontinwament ladarba dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ u ksur possibbli tal-ftehim jista' eventwalment iwassal għal sospensjoni tal-kooperazzjoni. Nilqgħu dan il-pass importanti fil-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja.